MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-16 ta' Frar, 2004

Numru 105/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Tonna)**

**vs**

**Stephen Galea**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-imputat Stephen Galea ta’ 24 sena bin John u Lilianne nee’ Zammit mwieled Pieta fid-9 ta’ Mejju, 1979 u joqghod 29, Flat 7, Triq San Mikiel, Bormla, detentur tal-Karta ta’ Identita numru 241079 (M).

Akkuzat:

1. talli gewwa San Giljan u Swieqi nhar l-4 u 5 ta’ Frar, 2004, b’diversi atti maghmulin b’rizoluzzjoni wahda

fil-hinijiet ta’ filghodu kkommetta serq ta’ Geyser tal-Marka Ariston a detriment ta’ Forestals Limited (Albert Bonnici), u ta’ diversi oggetti ta’ prodotti ta’ manifattura minn gewwa vettura JAS 771 a detriment ta’ Jason John Scerri liema serq Maltin ikkwalifikat, bix-xorta tal-haga misruqa, u dan ai termini tal-Artikoli 261, 271(g), u 281(a) tal-kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. talli fl-istess dati, lok u cirkostanzi kien fil-pussess ta’ hwejjeg misruqa u xjentement laqa’ l-istess oggetti ghandu sabiex imexxihom, ibieghhom jew jaghmel gwadann minnhom meta kien jaf li gejjin minn reat, u dan ai terminu tal-Artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

3. u aktar talli f’dawn il-Gzejjer, u fl-ahhar xhur ta’ qabel din id-data, gewwa San Giljan, u bnadi ohra f’Malta u f’hinijiet differenti, kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta’ l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medici Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga kienet f’tali cirkostanzi li juru li kienet ghall-uzu esklussiv tieghu.

Il-Qorti hija gentilment mitluba illi f’kaz ta’ htija tordna l-konfiska tal-Vettura tal-ghamla Yugo Zastava Numru tar-Registrazzjoni FAS516 bhala parti mill-Corpus delicti u dan skond l-Artikolu 23 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda;

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi f'din l-ewwel udjenza f'liema ammissjoni hu baqa' jippersisti anke wara li l-Qorti tatu zmien jikkunsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Ikkonsidrat:

Fuq l-ammissjoni tal-imputat issibu hati tar-reati addebitati;

Rat l-Artikolu 261 (g), 271 (g), 281 (a), 49 u 50 tal-Kap 9 u l-Artikolu 22 tal-Kap 101 u tiddeciedi li tqeghdu taht ordni ta' probation ghal zmien tlett snin mil-lum taht l-Artikolu 7 tal-Kap 446 u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28B tal-Kap 9 tissostitwixxi l-ordni tas-sentenza sospiza billi timponi zmien operatti ta' erba' (4) snin dekoribbli mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------